2) *L'association des fonctionnaires indépendants pour la défense de la fonction publique européenne (TAO-AFI) u s-Syndicat des fonctionnaires internationaux et européens – Section du Parlement européen (SFIE-PE) huma kkundannati għall-ispejjeż.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

(1) ĠU C 261, 11.8.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2016 – Crosfield Italia vs ECHA**

**(Kawża T-587/14)** (1)

***("REACH — Ħlasijiet dovuti għar-reġistrazzjoni ta' sustanza — Tnaqqis mogħti lill-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju — Żball fid-dikjarazzjoni dwar id-daqs tal-impriża — Rakkomandazzjoni 2003/361/KE — Deċiżjoni li timponi spiża amministrattiva — Obbligu ta' motivazzjoni")***

(2016/C 392/33)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Crosfield Italia Srl (Vérone, l-Italja) (rappreżentanti: M. Baldassarri, avukat)

*Konvenuta:* L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (rappreżentanti: inizjalment M. Heikkilä, E. Bigi, J.-P. Trnka u E. Maurage, sussegwentement M. Heikkilä, J.-P. Trnka u E. Maurage, aġenti, assistiti minn C. Garcia Molyneux, avukat)

**Suġġett**

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni SME(2013) 4672 tal-ECHA, tat-28 ta' Mejju 2013, li tikkonstata li r-rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwiżiti sabiex tibbenefika mit-tnaqqis ta' ħlasijiet previst għall-impriżi żgħar u li timponilha spiża amministrattiva u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-fatturi maħruġa mill-ECHA wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni SME(2013) 4672.

**Dispożittiv**

1) *Id-Deċiżjoni SME(2013) 4672 tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), tat-28 ta' Mejju 2013, hija annullata.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

---

(1) ĠU C 361, 13.10.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2016 – Tri-Ocean Trading vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-709/14)** (1)

***("Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi kontra s-Sirja — Iffriżar ta' fondi — Żball ta' evalwazzjoni")***

(2016/C 392/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Tri-Ocean Trading (George Town, il-Gżejjer Cayman) (rappreżentanti: B. Kennelly, barrister, P. Saini, QC, u N. Sheikh, solicitor)